**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 341/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-26 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fis-7 ta' Ottubru, 1990 fil-Knisja Parrokkjali tal-Gzira u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itrabi li nghataw l-isem ta' C nhar is-17 ta' Awwissu, 1995 u D nhar il-15 ta' Settembru, 1991 u llum il-gurnata huma maggorenni u jahdmu f'impjieg full time.

Peress illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin illi sseparaw minn ma' xulxin.

Peress illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment.

Peress illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partjiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:-

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skond il-ligi, kopja tad-digriet relattiv tigi kkomunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, dehret l-intimata li m'opponitx ghat-talbiet tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**